**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# DISA' LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 04/2025

**L-Erbgħa 26 ta' Marzu, 2025**

Il-Kunsill Lokali Pembroke Itaqa' fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-17:30.

**PREŻENTI:**

Av. Kaylon Zammit – Sindku

Adrian Dominic Ellul – Viċi Sindku

Carmel Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Therise Abela – Kunsillier

Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippresjeda l-laqgħa.

### 04.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija.

04.01.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Therise Abela u l-Kunsillier Raymond Lanzon kienu talbu li jiġu skużata. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jilqa' dawn it-talbiet.

04.01.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.01.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 04.02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 03/K9/2025.

04.02.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 03/K9/2025 kif ippreżentati.

04.02.2 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.02.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 04.03 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/1660/25/I** Email mingħand GX4 Projects Ltd. fejn talbu l-Kunsill biex fit-triq paralleli ma' Triq Giorgio Mitrovich, jitpoġġew bins tal-klieb u CCTV camera minħabba li ġabru kwantita' kbira ta' boroż bil-ħmeġ tal-klieb.

04.03.1 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1660/25/I** fejn ippropona li l-kumpanija għandhom jiġu nfurmata li fiż-żona diġa hemm dog bins, kif ukoll li dwar CCTV, ladarba l-kumpanija għandha encroachment tas-sit, il-Kunsill ma jistax jagħmel tali nfieq.

04.03.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1627/25/I** Email mingħand il-Kunsill Reġjun Lvant fejn bagħtu l-Malta Libraries Co-operation Agreement sabiex jiġi ffirmat.

04.03.4 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1627/25/I** fejn irrimarka li l-librerija, anke grazzi għal-librar, qed jagħmel biċċa xogħol tajba u mportanti għal-lokalita', u għalhekk ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi bl-iffirmar tal-co-operation agreement.

04.03.5 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1705/25/I** Email mingħand il-Rev. Matthew Sammut fejn talab lill-Kunsill 12 il-pole u fustun għal waqt l-attivita' tal-ewwel quddiesa tiegħu nhar is-Sibt 31 ta' Mejju 2025.

**46/1864/25/I** Kwotazzjoni mingħand D Street Lighting għall-arbli u fustun.

04.03.7 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1705/25/I u 46/1864/25/I** fejn ippropona li tiġi approvata din l-istima.

04.03.8 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1759/25/I** Kwotazzjoni mingħand Camron Garage għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa minibus 19 seater.

**46/1760/25/I** Kwotazzjoni mingħand ECabs għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa 16 seater.

**46/1767/25/I**
**46/2480/25/I** Kwotazzjoni mingħand Paramount għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa, coach u 19 saeter.

**46/1773/25/I** Kwotazzjoni mingħand Koptaco għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa.

**46/1776/25/I** Kwotazzjoni mingħand Peppin Transport għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa.

**46/1777/25/I** Kwotazzjoni mingħand Garden of Eden Garage għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa.

**46/1791/25/I** Kwotazzjoni mingħand Faith Garage għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa van 19 seater u għal 38 seater.

**46/1801/25/I** Kwotazzjoni mingħand Zarb Coaches għal trasport minn Pembroke għaċ-Ċirkewwa 53 seater.

**46/1834/25/I** Kwotazzjoni mingħand A&E Mintoff Company Ltd. għal trasport ġewwa Għawdex 35 seater u għal 53 seater.

**46/1844/25/I**
**46/2475/25/I** Kwotazzjoni mingħand Custo Coaches għal trasport ġewwa Għawdex 20 seater, 35 seater u għal 53 seater.

**46/1849/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn bagħat kopja ta' tweġiba li rċieva mill-Kunsill Reġjun Għawdex fejn informawh li m'humiex f'pożizzjoni li jħallsu l-ispejjeż tat-trasport.

04.03.10 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1759/25/I, 46/1760/25/I, 46/1767/25/I, 46/1773/25/I, 46/1776/25/I, 46/1777/25/I, 46/1791/25/I, 46/1801/25/I, 46/1834/25/I, 46/1844/25/I, 46/1849/25/I, 46/2475/25/I u 46/2480/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jagħżel l-irħas offerta skond il-bżonn li ser ikun hemm.

04.03.11 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1770/25/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn b'referenza għall-works order 40/2025 dwar l-irranġar tal-latrini fil-Ġnien 4 ta' Lulju talab il-Kunsill jinfurmah x'hemm bżonn isir bħal camera eċċ.

04.03.13 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1770/25/I** fejn ippropona li x-xogħol konness mal-provvista u l-installazzjoni ta' cctv għandu jsir separatament peress li diġa hemm sistema u jkun għaqli li minflok tinbidel, issir upgrading tagħha.

04.03.14 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1784/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn bagħtna kopja tal-ittra li rċieva l-Kunsill mill-Qorti mill-kuntrattur Jake Borg.

**46/1897/25/I** Email mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn bagħtu r-risposta uffiċjali f'isem il-Kunsill sabiex bl-approvazzjoni tal-Kunsill tkun preżentata l-Qorti.

**46/1924/25/O** Email lill-membri tal-Kunsill fejn b'referenza għat-tweġiba l-Qorti s-Segretarju nforma l-Kunsill li huwa tal-opinjoni li dak propost fid-dokument huwa tajjeb, kif ukoll li l-Kunsill għandu jagħti d-dritta lill-avukati tal-Kunsill biex jagħmlu tentattivi ħalli jaslu u jingħalaq il-każ.

04.03.16 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1784/25/I, 46/1897/25/I u 46/1924/25/O** fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni li tintbagħat it-tweġiba kif proposta mill-avukat tal-Kunsill kif ukoll li jekk ikun il-każ, isiru trattattivi biex jissolva l-każ.

04.03.17 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1789/25/I** Email mingħand Bencini & Associates fejn talbu tiġi rilaxxata l-garanzija bankarja re permess PA 600/23 6, Gemini, Misraħ il-Paċi k/m, Triq Giorgio Mitrovich.

04.03.19 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1789/25/I** fejn ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill ħalli jara jekk dak mitlub mill-PA sarx u jekk saritx ħsara lill-propjetà' pubblika. Il-kelliem ippropona wkoll li din għandha tkun policy tal-Kunsill u għandha tkun prassi għal kull każi futuri.

04.03.20 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1812/25/I** Email mingħand AKL fejn bagħtu Ċir AKL 2025/022 - ECAD Membership 2025.

04.03.22 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1812/25/I** fejn informa lill-Kunsill li dan il-ħlas ser isir mir-Reġjun Lvant, u għalhekk ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni.

04.03.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1840/25/I** Email mingħand il-Perit tal-Kunsill fejn b'referenza għall-works order 38/2025 dwar il-bus stop u zebra crossing fi Triq Alamein informa l-Kunsill li t-tnejn li huma ma jistgħux isiru minħabba nuqqas ta' spazju u talab l-opinjoni tal-Kunsill sabiex jipproċedi bi survey tal-area.

**46/1874/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Raymond Lanzon fejn b'referenza għall-email tal-Perit informa l-Kunsill li huwa jirrakkomanda l'issir iz-zebra crossing.

04.03.25 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1840/25/I u 46/1874/2/I** fejn ippropona li abbażi ta' talba li saret mir-residenti li joqgħodu fl-akwata, il-Kunsill għandu, wara li jirċievi d-dokumentazzjoni relatata mingħand il-Perit tal-Kunsill, jipproċedi billi jitlob il-permess ta' TM biex issir z-zebra crossing fis-sit indikat.

04.03.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1856/25/I** Email mingħand Infrastructure Malta fejn b'referenza għall-lista ta' toroq fejn ser issir kostruzzjoni tagħhom talbu nindikaw liema toroq nixtiequ li jibdew.

04.03.28 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1856/25/I** fejn ippropona li tiġi ratifikata d-deċiżjoni tal-membri li l-lista ta' prijorita' għandha tkun kif ġej Triq Cocks, Triq Manuel Buhagiar, Triq Fra Francesco Wizzino, Trejqet ir-Reġimenti Maltin, Triq Luigi Billion u t-Trejqa ta' bejn A5-A11 off Triq Pietru D'Armenia.

04.03.29 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1955/25/I** Email mingħand Maks Engineering Ltd. fejn informa l-Kunsill li huwa mpossibbli li jmur jiċċekkja l-bins tul ic-cycle path kull ġimgħa qabel u wara l-weekend.

04.03.31 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1955/25/I** fejn saħaq li, anke wara evalwazzjoni tal-obbligi stipulati fil-kuntratt eżistenti bejn il-Kunsill Lokali u l-Contracts Manager, ir-raġunament u l-argument li jwettqux l-obbligi kuntrattwali – fosthom li jiġu ċċekjati l-bins tul is-cycle lane kull ġimgħa, b'mod partikolari qabel il-weekend – mhuwiex aċċettabbli. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill għandu jibqa' jissottolinja l-importanza tar-rwol tal-Contracts Manager, għax il-mument li l-Kunsill jibda jaċċetta dawn in-nuqqasijiet, speċjalment dawk li jaffettwaw is-saħħa pubblika, ikunu qed jiġu affettwati b'mod negattiv ir-residenti tal-lokalità. Għalhekk, fuq dan il-punt, il-kelliem ippropona li l-kumpanija tikkunsidra u tirrevedi l-azzjonijiet tagħha minnufih, u taderixxi mal-obbligi kuntrattwali. Żied li f'każ li n-nuqqasijiet jippersistu – jew ikunu ta' natura differenti – il-Kunsill ser ikun obbligat joħroġ notifikazzjonijiet ta' ksur (defaults) skont id-dispożizzjonijiet tal-kuntratt.

04.03.32 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1971/25/I** Email mingħand VF Group fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex issir attivita' fil-Pembroke P&R fis-26 ta' April bejn l-10AM u 3PM.

**46/2072/25/I** Email mingħand VF Group fejn talbu biex l-attivita' proposta tiġi posposta għal 10 ta' Mejju 2025.

**46/2076/25/O** Email li bagħtna VF Group fejn infurmajnihom li bejn it-8 u l-24 ta' Mejju ser ikun hawn l-attivita' ta' The Grid u għalhekk mhux possibbli li jużaw il-Pembroke P&R.

04.03.34 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1971/25/I, 46/2072/25/I u 46/2076/25/O** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni jekk tinstab data alternattiva u jekk kemm il-darba jkun hemm l-approvazzjoni ta' TM, peress li s-sit huwa amministrat minn TM.

04.03.35 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1972/25/I** Email mingħand LGD fejn bagħtu Ċirkulari SPI/SCI/08/2025 - Espressjoni ta’ Interess – Tagħna Tfal Skema Ulied il-Kunsilliera - Għajnuna Finanzjarja għall-Servizzi ta’ Kura tat-Tfal (Childminding).

04.03.37 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1972/25/I** fejn ippropona li d-DGL għandu jiġi nfurmat li fil-preżent l-Kunsill mhux ser jagħmel użu minn din l-inizjattiva peress li mhux applikabbli għall-membri.

04.03.38 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.39 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1976/25/I** Email mingħand il-librar fejn informa l-Kunsill li kellu talba mingħand l-iskola Primarja sabiex nhar il-Ġimgħa 23 ta’ Mejju fid-09:30am jiġu klassi jagħmlu żjara qasira fil-librerija.

04.03.40 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1976/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill japprova din it-talba.

04.03.41 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.42 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/1977/25/I** Email mingħand resident fejn staqsa x’jaħseb il-Kunsill jekk fil-lokal jiġi ntrodott il-kunċett ta’ 'neighbourhood watch'.

04.03.43 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/1977/25/I** fejn informa lill-Kunsill li ser tkun qed issir inizjattiva mir-Reġjun u għalhekk ippropona li diskussjoni dwar dan tista’ ssir fi stadju ieħor.

04.03.44 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2046/25/I** Email mingħand residenta fejn b’referenza għall-aċċident li seħħ fejn mara ingidmet minn kelb waqt li kienet miexja u nformat lill-Kunsill li wasal iż-żmien li l-Kunsill jikkunsidra li jkun hemm sit li l-klieb jitħallew fih bla ċinga u li jkun hemm gwardjani lokali apposta jissorveljaw l-area.

04.03.46 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2046/25/I** fejn saħaq li l-Kunsill, sa mill-bidu nett ta’ din il-leġislatura, wera nteress biex jiġi żviluppat spazju apposta – dog park – fejn il-klieb jistgħu jinġabru b’mod sigur u mingħajr riskju għall-pubbliku. Fuq dan il-punt, il-kelliem ippropona li s-sit li jinsab ħdejn il-Pembroke Park and Ride għandu jiġi kkunsidrat bħala l-post ideali fejn dan il-park jista’ jiġi żviluppat, u għalhekk, għandu jiskatta l-proċess meħtieġ sabiex, sal-aħħar ta’ din il-leġislatura, ir-residenti jkollhom spazju addattat fejn jistgħu jieħdu l-klieb tagħhom f’ambjent sigur u xieraq.

04.03.47 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2047/25/I** Email mingħand l-AKL fejn bagħtu Ċir AKL 2025/024 - Sistema ta' Ġbir ta' Karti tal-Identità.

**46/2048/25/I** Email mingħand AKL fejn bagħtu Ċir AKL 2025/025 - Sistema tal-Ħlasijiet tal-Kontijiet tal-ARMS.

**46/2240/25/I** Email mingħand ANSEK bir-risposta li bagħat l-AKL b'referenza għall-Ħlas tal-Kontijiet tal-Ilma u l-Elettriku fl-Uffiċċju tal-Kunsill.

04.03.49 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2047/25/I, 46/2048/25/I u 46/2240/25/I** fejn b'referenza għal dan, il-Kunsill għandu juri l-interess tiegħu li jibda' joffri dan is-servizz lir-residenti.

04.03.50 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2054/25/I** Email mingħand LESA fejn informat lill-Kunsill li l-camera li hemm fixed fi Triq Madre Margherita de Brincat mhux qed ikunu jistgħu ikabbru zoom biex joħorġu tickets għax mhux ċari u talbet issir camera PTZ.

**46/2057/25/O** Email li l-Kunsill bagħat lill-LESA fejn tlabna jibgħatu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-camera PTZ.

**46/2062/25/I** Email mingħand LESA bl-ispeċifikazzjonijiet għall-camera PTZ.

04.03.52 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2054/25/I, 46/2057/25/O u 46/2062/25/I** fejn ippropona li meta jkun il-waqt u jkun qed isir proċess t'akkwist ta' CCTV's, din ic-CCTV għandha tinbidel kif mitlub.

04.03.53 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2071/25/I** Email mingħand Pjazza1902 fejn talbu l-permess biex issir loading/unloading bay fuq wara tar-restaurant fi Triq Arnhem.

04.03.55 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2071/25/I** fejn saħaq li, abbażi tal-fatt li hemm diversi stabbilimenti fil-viċinanza, il-Kunsill għandu jipproċedi bit-taba tal-permess lil TM għal-landing/unloading bay li tkun aċċessibbli għal kulħadd – jiġifieri għall-istabbilimenti kollha tal-inħawi – u li tkun regolata skont ħinijiet speċifiċi. Il-kelliem irrimarka li dan ifisser li fil-ħinijiet tal-ġurnata tingħata prijorità għall-operat kummerċjali (09:00 – 12:00 Mon to Fri), filwaqt li fil-ġranet u ħinijiet oħra tkun tista' tintuża b'mod liberu mill-pubbliku.

04.03.56 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2085/25/I** Email mingħand l-Inġ. David Agius fejn bagħat il-playgrounds inspection reports

04.03.58 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2085/25/I** fejn irrimarka li fuq dan il-punt, il-Kunsill għandu jerġa' jibgħat tifkira lill-MTA fuq fejn wasal il-proċess sabiex il-ġnien jerġa' jinfetah mill-ġdid għall-pubbliku. Il-kelliem fakkar ukoll li wara il-problema li hemm dwar il-ħut, il-Kunsill huwa nfurmat li dawn il-ħut qed jitneħħew, sakemm ikunu tneħħew kollha.

04.03.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2166/25/I** Email mingħand il-librar fejn informa l-Kunsill li ltaqa' mas-Sur Denis Darmanin u staqsih jekk ikunx interessat jagħmel taħdita ġewwa l-Librerija dwar l-istorja u l-kitba tiegħu fuq il-lokal.

**46/2071/25/I** Email mingħand il-librar fejn b'referenza għall-proposta tal-Kunsill ssuġerixxa li nistaqsu lis-sur Denis Darmanin biex it-taħdita ssir darbtejn, darba mal-anzjani u darba filgħaxija għall-bqija tal-komunità.

04.03.61 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2166/25/I u 46/2071/25/I fejn** ippropona li l-Kunsill għandu jaqbel ma din it-talba.

04.03.62 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2190/25/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn bagħtu d-dokument ta' tender aġġornat sabiex jerġa' jinħareġ għal provvista u nstallazzjoni ta' PV's u battery

04.03.64 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2190/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipproċedi bit-tender biex jerġa' jinħareġ mill-ġdid.

04.03.65 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2199/25/I** Email mingħand il-Maypole fejn bagħtu kwotazzjoni għal figolli żgħar.

**46/2471/25/I** Email mingħand James Caterers fejn infurmaw lill-Kunsill li huma jkollhom biss figolli kbar

**46/2474/25/I** Email mingħand Neriku Catrering għal figolli.

**46/2504/25/I** Email mingħand Ms. Angela Cassar għal figolli żgħar.

04.03.67 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2199/25/I, 46/2471/25/I, 46/2474/25/I, u 46/2504/25/I** fejn ippropona li saħaq li l-Kunsill għandu jilqa' din it-talba u jipprovdi lill-kumpanija bil-logo uffiċjali tal-Kunsill u jiġu ordnata l-ammont li hemm bżonn skond l-attività li ser issir f'Ħamis ix-Xirka.

04.03.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2213/25/I** Email mingħand LGD fejn b'referenza għal SPI/SCI/02/2025- Skema għall-Attivitajiet Annwali 2025 / 2026 informaw lill-Kunsilli li:

- Dawk il-Kunsilli Lokali li l-attività tagħhom ser tiġi proposta li ssir bejn l-1 ta' Ġunju 2025 u l-31 ta' Lulju 2025, id-data ta' l-għeluq qed tiġi estiża sa l-Ġimgħa 28 ta' Marzu 2025.
- Dawk il-Kunsilli Lokali li l-attività tagħhom ser tiġi proposta li ssir bejn l-1 ta' Awwissu 2025 u l-31 ta' Mejju 2026, id-data ta' l-għeluq qed tiġi estiża sat-Tlieta, 20 ta' Mejju 2025.

04.03.70 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2213/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu japplika għall-finanzjament tal-attività tal-Halloween.

04.03.71 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2252/25/I** Email mingħand J&K Contractors fejn bagħat kwotazzjoni ta' €1,498.90 għall-irranġar tal-ħajt fi Triq Burma

04.03.73 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2252/25/I** fejn ippropona li din tiġi aċċettata u għalhekk toħroġ l-ordni ta' xogħol.

04.03.74 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2315/25/I** Email mingħand European Telecommunications Standards Institute fejn jixtiequ jorganizzaw Charity walk/run fil-21 ta' Mejju bejn is-19:00-20:30 fuq ix-xagħri.

04.03.76 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2315/25/I** fejn ippropona li jekk m'hemmx xi attività oħra li tista' tkun ta' xkiel, il-Kunsill għandu jilqa' din it-talba.

04.03.77 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.78 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2326/25/I** Email mingħand Fibromyalgia Alliance Malta fejn talbu biex fit-12 ta' Mejju tixtgħel binja vjola jew blu

04.03.79 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2326/25/I fejn** ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

04.03.80 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.81 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2344/25/I** Email mingħand The Energy and Water Agency fejn bagħtu l-permessi RWP1-0636/25 u RWP1-0635/25 ta' charging pillars.

04.03.82 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2344/25/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' din it-talba.

04.03.83 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2357/25/I** Email mingħand Katherine Mae Aguila fejn talbu l-permess għal food kiosk/container fil-Pembroke Park & Ride.

04.03.85 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2357/25/I** fejn ippropona li la s-sit ta' Pembroke Park and Ride ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' dan it-tip ta' permessi, l-persuna involuta għandha tiġi riferuta għand l-entità kompetenti u responsabbli sabiex tipproċedi kif meħtieġ.

04.03.86 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.87 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2396/25/I** Email mingħand resident minn Triq Giorgio Mitrovich fejn talab il-permess tal-Kunsill biex jarma tower crane quddiem il-propjeta' tiegħu.

**46/2412/25/I** Email mingħand il-Kunsillier Ray Lanzon fejn informa l-Kunsill li ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tar-resident sabiex jarma tower crane fi Triq Giorgio Mitrovich

04.03.88 Is-Sindku, l-Av. Kaylon Zammit, għamel referenza għall-korrispondenza **46/2396/25/I u 46/2412/25/I** fejn ippropona li qabel il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi, l-applikant għandu jipprovdi pjanta dettaljata minn perit ta' dak li qed jipproponi kif ukoll sa meta huwa previst li dan it-tower crane ser jinżamm.

04.03.89 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.90 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.03.91 Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg fejn il-Kunsill ġie nfurmat li kien ser jiskadi t-terminu tas-servizz tal-cash collection, il-kelliem ippropona li l-Kunsill jestendi dan is-servizz.

04.03.92 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.93 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.03.94 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li fuq diversi talbiet li waslulu rigward il-parking għal-persuni bi Blue Badge fi Triq Giorgio Mitrovich, ippropona li f'din it-triq jiġi stabbilit spazju ta' communal Blue Badge parking. Il-kelliem irrimarka li dan l-arranġament ikun intiż sabiex jipprovdi soljev għall-persuni li għandhom il-Blue Badge, u jiffaċilita' l-aċċess tagħhom fiż-żona li tinsab bejn Misraħ il-Paċi u Triq Mons L. Mifsud Tommasi, liema bay jekk tiġi approvata minn TM, tiġi mplimentata meta l-Kunsill iħoss li ma jkunx hemm restrizzjonijiet oħra ta' parkeġġ fl-istess parti tat-triq.

04.03.95 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

04.03.96 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.03.97 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit irrimarka li fuq talba mir-residenti, u wkoll sabiex jinqata' l-abbuż li qed isseħħ bejn Triq Tunis u Triq l-Imħallef William Harding, il-kelliem ippropona li titwaħħal kamera tas-CCTV biswit Dar Warda (Triq William Harding) tħares lejn il-junction indikata fejn hemm tabelli ta' No Right Turn minn Triq Tunis lejn Triq l-Imħallef William Harding, u dan sabiex jiġi ndirizzat l-abbuż, b'mod partikolari dak relatat mas-sewqan irresponsabbli fiż-żona.

04.03.98 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.99 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.03.100 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li abbażi tal-fatt li fil-lokalita hemm nuqqas konsiderevoli ta' ATMs, il-Kunsill Lokali għandu jibda diskussjonijiet ma' kumpaniji privata bil-għan li jitwaħħlu ATMs f'diversi siti madwar il-lokalita sabiex jiġi ndirizzat dan in-nuqqas.

04.03.101 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.102 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.03.103 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jispezzjona u jivverifika l-konformità mar-rekwiżiti u l-obbligi legali applikabbli tar-road humps li hemm fi Triq Alamein.

04.03.104 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.03.105 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.04 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

04.04.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għadda għall-item li kien imiss.

## 04.05 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

04.05.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

**Internal Memo 03/2025** – Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 03/K9/25 u 04/K9/25. **(Ara Dok. 01)**

04.05.2 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għamel referenza għall-**Internal Memo 03/2025** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

04.05.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.05.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

04.05.5 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill bil-laqgħat li saru mal-Kunsill:

- Nhar il-Ġimgħa 28/02/2025 saret laqgħa mal-perit Darren Sciberras f'isem db Group dwar xi tibdil li ser jipproponu fil-proġett City Centre. Għall-laqgħa kienu preżenti l-membri kollha tal-Kunsill fejn saret diskussjoni dwar dak li ser jiġi propost kif ukoll dwar proposti li l-istess db Group qed jirrakkomanda li jagħmel lill-lokal bħala kumpens ta' Social Corporate Responsability.
- Nhar il-Ġimgħa 07/03/2025 saret laqgħa mal-WSC u IM dwar ix-xogħol previst minn IM fi Triq l-imħallef William Harding u Triq Salvatore Castaldi. Għall-Kunsill kienu preżenti s-Sindku l-Av. Kaylon Zammit u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, għall-IM is-sur Noel Vella u l-Perit David Massa filwaqt li għall-WSC is-sur Josef Debono. Fil-laqgħa l-Kunsill ġie nfurmat li l-kuntrattur ser ikun TC Ciappara u x-xogħol huwa pjanat li jinbeda f'April 2025 u m'għandux jieħu aktar minn xahrejn.
- Nhar il-Ġimgħa 21/03/2025 saret laqgħa mal-Pembroke Sports Club u Luxol Sports Club dwar il-ħolqien tal-Luxol u Pembroke Athleta Academy. Għall-laqgħa kienu preżenti l-membri kollha tal-Kunsill, għal Pembroke Athleta Sports Club is-sur Alex Calleja fil-kapaċità ta' President tal-Klabb u għal Luxol Academy is-sur Pippo Psaila fil-kapaċità t'amministratur. Il-Kunsill ġie nfurmat mis-sur Calleja li l-klabb ħa deċiżjoni strateġika biex ikun hemm titjib fin-nursery billi jiġi xolt dak li qed isir bħalissa u n-nursery ser tibda tiġi mmaniġjat mill-Luxol

Academy. Is-sur Pippo Psaila nforma lill-Kunsill li t-tfal ta' bejn 8 u 17 ser jingħataw taħriġ fuq pjan ta' akkademja bil-għan li jgħolli l-livell tal-prodott. Is-sur Calleja nforma lill-Kunsill ukoll li l-klabb għandu l-permessi kollha neċessarji biex jitneħħa ground tal-5-a-side u minflok isiru 3 padel courts. Is-sur Calleja nforma lill-Kunsill ukoll li qed jaħdem biex jiżdiedu aktar courts fiż-żona fejn hemm il-parkeġġ, bil-parkeġġ jimxi fil-parti tal-ġnien u jitneħħew is-siġar u l-veġetazzjoni li hemm, fejn żied li ladarba jkun hemm il-pjanti lesti, ser ikun qed jgħaddi kopja lill-Kunsill qabel jiġi sottomessa għall-permessi tal-PA.

## 04.06 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

04.06.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 02, 03, 04, 05, 06 u 07)**

04.06.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif irrakkomandat.

04.06.3 Il-Viċi Sindku Adrian Dominic Ellul issekonda.

04.06.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04.07 Mozzjonijiet.

04.07.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit informa lill-Kunsill li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 04.08 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

04.08.1 Is-Sindku l-Av. Kaylon Zammit għalaq il-laqgħa fis-18:20 wara li unanimament kien hemm qbil li l-laqgħa tiġi aġġornata għal nhar l-Erbgħa 30 ta' April 2025 fil-5:30pm.

**Konfermati, illum 30 ta' April, 2025**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMAT** | **IFFIRMAT** |
| Av. Kaylon Zammit | Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt) |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 03/2025** **26 ta' Marzu 2025**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 03/K9/25 u 04/K9/25

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 37 | 2025 | Mica Med | Manutenzjoni għal-lampa T001 fi' Triq Salvatore Castaldi |
| 44 | 2025 | Mica Med | Manutenzjoni għal-lampa L091 fi' Triq Giorgio Mitrovich |
| 45 | 2025 | B. Grima and Sons | Tlabna biex isiru 3 roadhumps fi Triq Burma skond l-ispeċifikazzjonijiet maħruġa minn TM |
| 46 | 2025 | Mica Med | Manutenzjoni għal-lampa L008 fi' Triq L-imħallef William Harding |
| 47 | 2025 | B. Grima and Sons | Tlabna biex terġa' teħel it-tabella fuq il-bankina fil-kantuniera ta' Triq Normandy u Triq li tagħti għall-lukandi. |
| 48 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna biex jiġi rranġat il-ħajt bil-ġebel fi Triq Burma |
| 49 | 2025 | B. Grima and Sons | Tlabna biex tiġi rranġata t-tabella fuq il-bankina fejn l-iskola sekondarja fi Triq Sir Adrian Dingli |
| 50 | 2025 | B. Grima and Sons | Tlabna biex jinqalgħu UBars minn Triq Alamein fejn saru Pencil bollards, u tinqala tabella ta' No Stopping minnTriq Rużar Briffa u isir l-isem ta' Triq Gioacchino Le Brun – Argentier Seklu XVIII sabiex jeħel fuq il-forma tal-konkos. |
| 51 | 2025 | J&K Contractors | Isir patching fi Triq Camillo Sceberras u l-madwar. |
| 52 | 2025 | Mica Med | Manutenzjoni għal-lampa W086 fi' Triq Giorgio Mitrovich li tinsab ma' dar numru 23 |
| 53 | 2025 | J&K Contractors | Tlabna biex jiġi rranġat il-ġebel ta' fuq ta' ċint li hemm fi Triq Normandy u issir manutenzjoni ta' taraġ li hemm faċċata ta' IVY House fi Triq Tunis |
| 54 | 2025 | B.Grima & Sons | Tlabna biex tiġi rranġata tabella fi Triq Normandy u issir tabella tal-One Way fi Triq Martin Luther King |
| 55 | 2025 | Dieter Falzon | Tlabna sabiex isir l-immanġjar u s-superviżjoni meħtieġa tax-xogħol li ser isir fil-passaġġ ta' bejn Triq Alamein u Triq Giorgio Mitrovich |

Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Av. Kaylon Zammit sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Av. Kaylon Zammit **Viċi Sindku** : Adrian Dominic Ellul
**Kunsilliera** : Therise Abela, Carmel Cesare u Raymond Lanzon

**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg M.Sc. (Gov & Mngt)